# Pajjizna Jiccelebra L-Jum Dinji Taz-Zghazagh

SATURDAY, 16 AUGUST 2014 23:00 KULLHADD

@font-face { font-family: "Calibri"; }@font-face { font-family: "Cambria"; }p.MsoNormal, li.MsoNormal, div.MsoNormal { margin: 0in 0in 10pt; font-size: 12pt; font-family: "Times New Roman"; }div.Section1 { page: Section1; }

19

Share



Fit-12 ta' Awwissu l-Kunsill Nazzjonali taz-Zghazagh fakkar il-Jum Internazzjonali taz-Zghazagh. F'din l-okkazjoni, permezz ta' konferenza tal-ahbarijiet, il-President ta' dan il-Kunsill, Isabelle Camilleri, tkellmet dwar l-ghazla tat-tema ghal din is-sena li hija dik tas-sahha mentali. Hija rreferiet ghall-importanza li z-zghazagh ma jkunux diskriminati minhabba l-fatt li dawn huma l-prezent u l-futur tas-socjetà.

Is-Segretarju Parlamentari ghar-Ricerka, Innovazzjoni, Zghazagh u Sport, Chris Agius, heggeg liz-zghazagh ta' età zghira biex jiehdu xi tip ta' inizjattivi komunitarja ghax huma wkoll ghandhom rwol x'jaqdu fis-socjetà. Ghaldaqstant, Agius sahaq dwar l-importanza li jkun hemm iktar zghazagh li jahdmu f'ghaqdiet volontarji, ghaqdiet li wkoll huma dipendenti fuq dan l-istess entuzjazmu.

Huwa accenna l-fatt li l-inklussività fost iz-zghazagh hija importanti hafna ghax din twassal ghal iktar integrazzjoni bejn zghazagh differenti. Ghalhekk, huwa appella li wiehed m'ghandux jiddistingwi z-zghazagh abbazi ta' kulur tal-gilda, religjon jew il-post fejn jghixu, izda ghandna nqisu lil kulhadd ugwali. Huwa temm l-indirizz tieghu billi stieden lil iktar zghazagh biex jahtfu l-opportunitajiet li jkollhom jekk kemm-il darba dawn ikunu ta' ghajnuna biex jizviluppaw b'mod shih.

L-attività li jmiss, organizzata minn dan l-istess Kunsill, hija l-Parlament taz-Zghazagh li se tittella' nhar it-18 ta' Settembru li gej.

**Celebrazzjoni fil-Bajja tal-Mellieha**

It-Tlieta filghaxija l-Bajja tal-Mellieha nbidlet f'ambjent uniku, ambjent sportiv sabiex jigi ccelebrat il-Jum Dinji taz-Zghazagh. Din kienet l-ewwel darba li attività ta' din ix-xorta kienet organizzata bil-kollaborazzjoni bejn is-Segretarjat Parlamentari ghar-Ricerka, l-Innovazzjoni, z-Zghazagh u l-Isport flimkien mal-Agenzija Zghazagh u l-Kumitat Olimpiku Malti.

Kif imsemmi qabel, it-tema maghzula ghal din is-sena hija dik tas-sahha mentali u ghalhekk dawn iz-zewg entitajiet ghazlu li jittrattawha minn perspettiva differenti. Fil-fatt, huma ghazlu li jinvolvu l-isport ghax dan huwa wiehed mill-ghodda importanti sabiex ikun hemm titjib fis-sahha mentali. Huwa fatt maghruf li l-ezercizzju fiziku jgieghel lill-bniedem ihossu ahjar permezz ta' processi li jsehhu fil-mohh u huwa mezz ta' kif wiehed ibieghed id-dipressjoni.

Din l-attività kienet wahda ta' success ghax attirat numru sostanzjali ta' zghazagh li kellhom l-opportunità li jesperjenzaw tipi differenti ta' sports li jintlaghbu fuq ir-ramel. Fost it-tipi differenti ta' sport kien hemm il-beach soccer, beach volleyball, beach golf, beach handball, badminton u netball fost ohrajn.

Is-Segretarju Parlamentari ghar-Ricerka, l-Innovazzjoni, iz-Zghazagh u l-Isports, Chris Agius, zar din l-attività fejn, u f'din l-okkazjoni unika huwa kellu l-opportunità li mhux biss jitkellem mal-ufficjali tal-Kumitat Olimpiku Malti, mal-Agenzija Zghazagh u l-EUPA, izda wkoll ma' numru ta' zghazagh ohra li hadu sehem f'din l-attività.

Email This Bookmark Set as favorite

## Kummenti (0)

Subscribe to this comment's feed

## Ikkummenta

Isem

Email

Website

Titlu

Kumment

POPOLARI | KUMMENTI RICENTI

Karikatura

It-tmexxija talL-Orkestra Nazzjonali tistonaha ma' surmast ta' fama

Hill Climb fil-Kalkara

Valletta jaghlqu l-loghba kmieni

Rainbows jinqalghu minn qiegh il-klassifika

## It-Temp

Wed Thu Fri Sat Sun

Ikkuntattjana

Min Ahna

Avviz

Irriklama

## Karikatura

## Faccata

smaller | bigger

I have read and agree to the Terms of Usage.

Zid Kumment

< Prev Next >

Copyright © 2013 Kullhadd. All Rights Reserved. Web Design in Malta by webee